# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Novembru, 2017**

Avviz tat-Talba numru: **183 / 2017**

**GO P.L.C.**
[REG NRU. C-22334]

***VERSUS***

**GHAZNAVI BALDACCHINO NICODEME**
[K.I. NRU. 589090M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-7 ta' April, 2017 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, mitejn u disa' u hamsin ewro u disa' u erbghin ewro centezmi (€1,259.49c) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni kif ahjar deskritt fl-istess imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji u l-imghax.

Ra r-Risposta tal-konvenut datata 4 ta' Mejju, 2017 fejn irrezista ghall-pretiza attrici billi sostna illi [***a***] hu ma kienx jaqbel ma' l-ammont reklamat mill-attrici; [***b***] illi hu kien ghamel diversi rapport ma' l-attrici biex jikkontesta l-kontijiet relattivi; [***c***] illi hu wettaq diversi tentattivi biex din il-kwistjoni tigi rizoltau [***d***] li fi kwalsiasi kaz il-pretensjoni attrici kienet infondata legalment u fattwalment (ara *a tergo* ta' *fol.* 10).

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti kollha processwali;

Illi permezz ta' nota datata 20 ta' Ottubru, 2017, ezebita *seduta stante*, l-konvenut irregistra ammissjoni tat-talba attrici kif dedotta kontra tieghu. Tali ammissjoni ma tikkontjeni l-ebda kwalifika.

Tali fatt gie registrat fil-verbal ta' l-udjenza ta' l-istess data fejn id-difensuri – wara li fissru lit-Tribunal li fil-mori tal-proceduri kien intlahaq fethim bejn il-kontendenti dwar il-hlasijiet li l-konvenut kellu jwettaq lis-socjetà attrici (u l-modalità taghhom) – talbu li fic-cirkostanzi tal-kaz, u cionostanti tali ftehim hekk raggjunt bejn il-partijiet, dan it-Tribunal ighaddi xorta wahda biex jemetti decizjoni dwar il-vertenza.

Illi fid-dawl ta' l-imsemmija ammissjoni, ta' l-akkordju raggjunt bejn il-partijiet u wkoll in vista tal-kunsens taz-zewg partijiet li tinghata sentenza xorta wahda dwar il-kwistjoni *de quo agitur*, dan it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief illi jirrispetta l-ghazliet u decizjonijiet ta' l-istess kontendenti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elf, mitejn u disa' u hamsin ewro u disa' u erbghin ewro centezmi (€1,259.49c), bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont kif mitlub fl-Avviz tat-Talba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha tal-proceduri, inkluz l-atti gudizzjarji accessorji ghalih, kif mitlub fl-att promotur, huma a kariku tal-konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
***Gudikatur***

***ft.* ADRIAN PACE**
***Deputat Registratur***